MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR MALTA

## GUDIKATUR DR. ELLUL ANTHONY

Seduta tat-8 ta' Novembru, 2002

Talba Numru. 2122/2002

**Pater Finance Co Ltd**

**Vs**

**Godwin Schembri u martu Lilian Schembri**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu is-socjeta attrici talbet il-hlas tas-somma ta' elf tlett mija u sittin lira Maltija (Lm1360), import ta' tlettax-il kambjala, wahda ta' Lm40 u tnax ta' Lm110 il-wahda, debitament accettati u skaduti minn Settembru 2001 sa Settembru 2002 rispettivament u mhux imhallsa.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuti gew debitament notifikati, ma kkontestawx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas deheru ghas-seduti.

Semgha lill-avukat Dr. Neville Camilleri in rapprezentanza tas-socjeta attrici jikkonferma bil-gurament l-avviz tat-talba kif ukoll li l-ammont mitlub ghadu kollu dovut.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, u wara li ra l-Artikolu 13(b) tal-Att V tal-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuti jhallsu s-somma ta' elf tlett mija u sittin lira Maltija (Lm1,360), bl-imghax fuq kull kambjala mid-data li mmaturat.

L-ispejjez huma ghak-karigu tal-konvenuti.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**
**Gudikatur.**